31995R2271

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 2271/95

tas-27 ta' Settembru 1995

dwar il-bejgħ ta' ċerti prodotti tas-settur taċ-ċanga u l-vitella miżmuma minn aġenziji ta' intervent lil ċerti istituzzjonijiet u korpi li jissalvagwardjaw it-trattament xieraq ta'l-annimali, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2848/89

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 424/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 98/69 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 [4], jipprovdi regoli ġenerali għad-disponiment ta' ċanga ffriżata mixtrija ' l ġewwa mill-aġenziji ta' intervent; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2173/79 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1759/93 [6], jipprovdi regoli dettaljati għal dak id-disponiment;

Billi l-livell ta' ħażniet ta' intervent jagħmlu bejgħ speċjali possibbli lil ċerti istituzzjonijiet u korpi li jissalvagwardjaw it-trattament xieraq ta'l-annimali bil-għan li jinkorporaw il-laħam fil-provviżjon tal-persuni li għalihom l-istituzzjonijiet jew korpi huma responsabbli; billi dak il-bejgħ x'aktarx ma jfixkilx id-disponiment normali tal-laħal fis-suq;

Billi ċ-ċanga għandha tinbiegħ bi prezzijiet iffissati bil-quddiem skond ir-Regolament (KEE) Nru 2173/79; billi, iżda, dispożizzjonijiet speċjali xierqa għandhom jiġu addottati, b'mod partikolari dwar ir-regoli dettaljati ta' kontroll u l-kwantitajiet minimi adattati għall-ħtiġijiet tax-xerrejja;

Billi biex jiġi żgurat li l-prodotti jaslu fid-destinzzjoni maħsuba għandha ssir garanzija supplimentari meta l-użu jsir minn aġent jew intermedjarju;

Billi tqassim dirett tal-laħam fil-forma ta' ikel imħejji huwa ugwalment mod xieraq biex jiġi żgurat li l-prodotti jaslu fid-destinazzjoni maħsuba; billi, iżda, taħt ċerti kondizzjonijiet it-tqassim taċ-ċanga jista' jsir fi stat mhux imħejji bil-prezz tax-xiri;

Billi prodotti miżmuma mill-aġenziji ta' intervent u mibjugħa għal użu speċifiku huma suġġetti għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3002/92 [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1938/93 [8];

Billi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ibiddlu u jissupplimentaw dawk imniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2848/89 [9], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 274/95 [10]; billi r-Regolament (KEE) Nru 2848/89 għandu għalhekk jiġi mħassar;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għaċ-ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Aġenziji ta' intervent jistgħu jbiegħu ċerti prodotti fis-settur taċ-ċanga u l-vitella li jkunu qegħdin iżommu għall-istituzzjonijiet jew korpi li jissalvagwardjaw it-trattament xieraq ta'l-annimali li ma jagħmlux profitt, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa 'l-istituzzjonijiet', li jinsabu fil-Komunità li hekk jitolbu u li huma msemmija fil-lista li għaliha jirreferi l-paragrafu 3. L-applikazzjoni mill-istituzzjoni għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni tagħha bil-miktub li tuża biss il-prodotti skond l-Artikolu 2.

2. Il-bejgħ għandu jitwettaq bi prezzijiet iffissati bil-quddien skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79, (KEE) Nru 3002/92 u ta' dan ir-Regolament.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79, il-kwantità minima mibjugħa għandha tkun ta' 500 kilogramm ta' laħam bil-għadam u 250 kilogramm għall-prodotti oħra.

3. Kull Stat Membru għandu jħejji lista ta' l-istituzzjonijiet li għalihom jirreferi l-pragrafu 1 u li jinsabu fit-territorju tagħhom. Din il-lista għandu jkun fiha l-isem u l-indirizz ta' kull istituzzjoni u n-numru bejn wieħed u ieħor tal-persuni li għalihom hija responsabbli. Il-lista u l-emendi kollha għaliha għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

---

[1] ĠU L 148, 28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 45, 1.3.1995, p. 2.
[3] ĠU L 14, 21.1.1969, p. 2.
[4] ĠU L 341, 31.12.1994, p. 105.
[5] ĠU L 251, 5.10.1979, p. 12.
[6] ĠU L 161, 2.7.1993, p. 59.
[7] ĠU L 301, 17.10.1992, p. 17.
[8] ĠU L 176, 20.7.1993, p. 12.
[9] ĠU L 274, 23.9.1989, p. 9.
[10] ĠU L 32, 11.2.1995, p. 3.

L-istituzzjoni tiġi rtirata mil-lista għall-perjodu ta' l-anqas ta' 12-il xahar f'każ li jiġi stabbilit xi ksur serju ta' dan ir-Regolament.

Mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet mixtrija minn kull-istituzzjoni matul is-sena kalendarja ta' qabel.

4. Kull istituzzjoni li tixtieq tixtri prodotti minn aġenzija ta' intervent li tinsab fi Stat Membru ieħor għandha tippreżenta ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tagħha. L-aġenzija ta' intervent li tagħmel il-bejgħ għandha tavza lill-aġenzija ta' intervent fl-Istat Membru fejn il-laħam għandu jiġi kkunsmat bil-kwantitajiet meħuda mix-xerrej.

5. Il-prodotti li għalihom jirreferi l-paragrafu 1 u l-prezz tal-bejgħ tagħhom huma speċifikati fl-Anness I.

Tagħrif dwar il-kwantitajiet u l-lokazzjoni tal-prodotti fil-maħżen jista' jiġi miksub mill-indirizzi mogħtija fl-Anness II.

Artikolu 2

1. Il-prodotti in kwistjoni għandhom jintużaw fi żmien sitt xhur wara l-konkluzjoni tal-kuntratt, fil-forma ta' ikel imħejji u magħmul disponibbli unikament lill-persuni li għalihom l-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq huma responsabbli.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li l-laħam jerġa' jinbiegħ fl-istat tiegħu mhux imħejji sakemm:

— jinbigħ bil-prezz mixtri,

— il-bejgħ huwa ristrett għall-persuni li l-parti l-kbira tagħhom id-dħul tagħhom ikun magħmul minn għajnuna fnanzjarja mill-istituzzjoni għall-għan tax-xiri ta' dak il-laħam,

— il-kwantità minima mixtrija minn kull persuna titniżżel,

— jinżamm rekord tax-xiri individwali,

— ix-xerrej jintrabat li l-laħam ma jerġax jinbigħ iżda jkun ikkunsmat minnu jew mill-familja tiegħu.

L-Istati Membri li jixtiequ jutilliżżaw din il-faċilità għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-quddiem, u jipprovdu t-tagħrif li ġej:

— il-lista ta' l-istituzzjoni in kwistjoni u n-numru bejn wieħed u ieħor tal-persuni li jistgħu jibbenefikaw minn dak il-bejgħ,

— deskrizzjoni ta' kif topera s-sistema u l-miżuri ta' kontrolli dwarha,

— il-prezz tal-bejgħ applikat u l-komponenti tiegħu.

Kwantità massima tista' tiġi ffissata skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68: l-Istati Membri li jutilizzaw din il-faċilità għandhom javżaw lill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull xahar bil-kwantitajiet mibjugħa b'dan il-mod fix-xahar ta' qabel.

Artikolu 3

1. L-istituzzjonijiet inklużi fil-lista li għaliha jirreferi l-Artikolu 1(3) jistgħu jagħmlu użu minn aġent jew intermedjarju ieħor li jkun għamel garanzija supplimentari li għaliha jirreferi l-Artikolu 6(2), b'mod prtikolari dwar xiri, trasport, ħażna, tneħħija tal-għadam u operazzjonijiet tal-qtugħ.

2. L-intermedjarji, l-aġenti u l-istituzzjonijiet li għalihom jirreferu l-paragrafi ta' qabel għandhom iżommu kontijiet aġġornati li bihom id-destinazzjoni u l-użu tal-prodotti kkonċernati jista' jiġi vverifikat; b'mod partikolari għandu jkun possibbli li tiġi vverifikata li l-kwantità ta' prodotti mixtrija tikkorrispondi ma' dik ikkunsmata.

Artikolu 4

L-aġenziji ta' intervent għanhom jagħtu prijorità li jbiegħu l-ewwel il-prodotti li jkunu ilhom l-aktar fil-ħażna.

Artikolu 5

Biex tiġi kkontrollata t-tneħħija tal-għadam u l-operazzjoni ta' tqattiegħ li għaliha jirreferi l-Artikolu 3(1), it-twassil u l-aċċettazzjoni mill-istituzzjoni benefiċjarja, 100 kilogramm ta' laħam bla għadam għandu jikkorrispondi ma' 130 kilogramm ta' laħam bil-għadam. Laħam bla għadam għandu jiġi ppreżentat b'dak il-mod li jkun jippermetti l-identifikazzjoni faċili tal-qatgħat.

L-intermedjarji jew l-aġenti li għalihom jirreferi l-Artikolu 3 għandhom jiżguraw li l-prodotti mwassla lill-istituzzjoni in kwistjoni jkunu akkumpanjati minn ċertifikat li jkun jindika:

— il-preżentazzjoni, piż u grd tal-kwarti,

— fejn il-laħam ikun bl-għadam jew maqtugħ, in-numru, tip u piż tal-qatgħat differenti.

Iċ-ċertifikat iffirmat mill-intermedjarju jew l-aġent u mill-istituzzjoni in kwistjoni, għandu jintbagħt mingħajr dewmien lill-aġenzija ta' intervent fl-Istat Membru li fih il-garanzija li għaliha jirreferi l-Artikolu tkun tqiegħdet.

Artikolu 6

1. Il-garanzija li għaliha jirreferi l-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79 għandha tiġi depositata ma' l-aġenzija ta' intervent fl-Istat membru fejn il-laħam għandu jintuża.

2. Garanzija supplimentari ta' EKU 110 kull 100 kilogramm għandha tiġi ddepositata ma' l-istess aġenzija minn kull intermedjarju jew aġent, skond it-termini mniżżla fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79. Din il-garanzija għandha titnaqqas għal EKU 60 kull 100 kilogramm jekk l-aġent jew l-intermedjarju biss jagħmel l-operazzjonijiet tat-trasport.

3. Fejn l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3002/92 jiġi applikat, il-kuntratt jista' jiġi konkluż biss wara li l-aġenzija ta' intervent li żżomm il-prodotti tkun irċeviet il-komunikazzjoni bil-miktub, irriferuta fl-istess paragrafu.

4. Fir-rigward tal-garanzija li għaliha jirreferi l-paragrafu 1, u b'żieda mal-ħtiġijiet primarji li għalihom jipprovdi l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79, l-użu tal-prodotti fi żmien sitt xhur mill-konkluzjoni tal-kuntratt, għall-benefiċċju tal-persuni li għalihom l-istituzzjonijiet li jissalvagwardjaw it-trattament xieraq ta'l-annimali li għalihom jirreferi l-Artikolu 1 ([1]) huma responsabbli għandha tkun ħtieġa primarja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3403/93 ([2]).

Fil-każi kollha fejn il-garanzija li għaliha jipprovdi l-paragrafu 2 ma tkunx saret il-fatt illi l-istituzzjoni ma tagħmilx użu minn aġenti jew intermedjarji skond l-Artikolu 3(1) għandha ugwalment tkun ħtieġa primarja.

5. Fir-rigward tal-garanzija li għaliha jireferi l-pragrafu 2 il-ħtieġa primarja għandha tikkonsisti fit-twassil tal-laħam kollu meħud, bl-għadam jew imqatta' fejn meħtieġ.

Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 2848/89 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Settembru 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

([2]) ĠU L 310, 14.12.1993, p. 4.

ANEXO I — BILAG I — ANHANG I — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I — ANNEX I — ANNEXE I — ALLEGATO I — BIJLAGE I — ANEXO I — LIITE I — BILAGA I

Precios de venta expresados en ecus por tonelada — Salgspriser i ecu/ton — Verkaufspreise, ausgedrüückt in ECU/Tonne — Τιμές πωλήσεως εκφραζόμενες σε Ecu ανά τόνο — Selling prices expressed in ecus per tonne — Prix de vente exprimés en écus par tonne — Prezzi di vendita espressi in ecu per tonnellata — Verkoopprijzen uitgedrukt in ecu per ton — Preço de venda expresso em ecus por tonelada — Väähimmääishinnat ecuina tonnia kohden ilmaistuna — Minimipriser i ecu per ton

Carne deshuesada — Udbenet kød — Fleisch ohne Knochen — Κρέας χωρίς κόκαλα — Boneless Beef — Viande désossée — Carni senza osso — Vlees zonder been — Carne desossada — Luuton naudanliha — Benfritt kött

IRELAND	Category C
Striploins	2 500
Rumps	2 000
Insides	2 200
Shins and shanks	1 100
Cube rolls	2 000
Briskets	1 200
Forequarters	1 350
Plate and flank	1 000
Intervention shank	1 100
Intervention thick flank	1 800
Intervention forequarter	1 350
Intervention flank	1 000
Intervention shin	1 100
Intervention brisket	1 200
Intervention shoulder	1 200
Intervention forerib	1 800
Intervention rump	2 000
ITALIA	Category A
Filetto	3 100
Rostbeef	2 500

ANEXO II — BILAG II — ANHANG II — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II — ANNEX II — ANNEXE II — ALLEGATO II — BIJLAGE II — ANEXO II — LIITE II — BILAGA II

Direcciones de los organismos de intervención — Interventionsorganernes adresser — Anschriften der Interventionsstellen — Διευθύνσεις των οργανισμών παρεμβάσεως — Addresses of the intervention agencies — Adresses des organismes d'intervention — Indirizzi degli organismi d'intervento — Adressen van de interventiebureaus — Endereços dos organismos de intervenção — Interventioelinten osoitteet — Interventionsorganens adresser

ITALIA:
Ente per gli interventi nel mercato agricolo (EIMA)
Via Palestro 81
I-00185 Roma
Tel. 49 49 91
Telex 61 30 03

IRELAND:
Department of Agriculture, Food and Forestry
Agriculture House
Kildare Street
Dublin 2
Tel. (01) 678 90 11, ext. 2278 and 3806
Telex 93292 and 93607, telefax (01) 661 62 63, (01) 678 52 14 and (01) 662 01 98